MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Numru 2/2003

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Emanuel Zarb**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Emanuel Zarb** bin Carmel u Antonia *nee'* Zahra imwieled Gzira nhar id-19 ta' Dicembru 1962 residenti 46, 'Zarb', Triq l-Ghajn Swieqi u detentur tal-karta tal-identita numru 45063M;

Talli fil-kapacita tieghu proprju u cioe' l-persuna li f'ismek hija licenzjata l-vettura nru BSY 012 (tail lift van) u/jew fil-kapacita tieghek bhala direttur tal-kumpanija 'Zarb Coaches Ltd' fis-9 t'Ottubru 2003 ghall-habta ta' xi 3:00pm fi Triq Regjonali Gzira, gieghelt jew ippermettejt lil Cedric (Cedric Charles) Sciberras jaghmel jew isuq vettura (tail

lift van) numru BSY 012 ghall-finijiet ohra barra minn dawk li ghalihom kienet licenzjata (2) u ghalhekk ghamel, uza jew saq vettura nru BSY 012 (tail lift van) minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni u dan bi vjolazzjoni tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta (3) minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq;

Il-prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghek tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza instemghet flimkien mal-kawza **Il-Pulizija kontra Cedric (Cedric Charles) Sciberras** deciza llum fejn il-provi mressqa f'dik il-kawza kellhom jitqiesu bhala formanti parti minn din il-kawza u *vice versa*;

Illi il-kawza kontra Cedric Sciberras kienet deciza bil-mod segwenti:

"Illi mill-provi rakkolti jirrizulta illi fl-incident li bih huwa akkuzat l-imputat [Cedric Sciberras] Daliborka Vrhovac li dak inhar kellha 13-il sena wegget gravi meta waqqghet mill-bieba ta' wara tal-vettura misjuqa mill-imputat Cedric Sciberras. Il-vittma tiftakar biss illi dakinhar marret l-iskola fuq bus fi kliemha "normali" izda lura mill-iskola rikbet fuq bus li jintuza ghall-persuni bi bzonnijiet specjali li kienet mimlija tant li ma kelliex fejn tpoggi. Minn hemm 'l quddiem ma tiftakar xejn. Hija xehdet ukoll illi kawza tal-incident ma tismax sew mill-widna tax-xellug, damet xahar l-isptar u ma setghetx tiekol hlief permezz ta' "straw" ghal diversi xhur. Il-vittma ma fadlilha ebda sinna naturali u sal-1 ta' Frar, 2010, kienu ghadhom qed isiru interventi kirurgici fl-ispina ta' dahra. Skond ix-xhieda esperta tat-tabib forensiku nomimat fl-inkjesta, l-vittma sofriet diversi lacerazzjonijiet u abrazzjonijiet fosthom fil-wicc li jhallu

sfregju kif ukoll diversi fratturi. Jirrizulta ukoll illi din it-tfajla tilfet diversi snien.

“Jirrizulta bhala fatt illi l-vittma waqghet fit-triq mill-bieba ta’ wara tal-bus li kienet fiha meta kienet wieqfa ghaliex ma kellhiex fejn tpoggi peress illi kienet moghbija aktar milli suppost. Wara li spiccat fit-triq, minibus li kienet gejja mill-istess direzzjoni wara l-vettura misjuqa mill-imputat Cedric Sciberras, b’mod ghaqli kisret biex ma tghaddix fuq il-vittma u fil-fatt is-sewwieq irnexxielu jaghmel dan biex il-vittma spiccat mar-rota tax-xellug ta’ quddiem. L-ezami tal-espert forensiku juri fil-fatt illi f’rigel minnhom, l-vittma kellha feriti kompatibbli ma’ incident ta’ traffiku izda minkejja dan, is-sewwieq ta’ wara ma kellu ebda htija.

“Riassunti ix-xhieda tal-istudenti li kienu fuq il-bus misjuqa mill-imputat Cedric Sciberras, huma relevanti s-segwenti, u cioe’ illi dak in-nhar, s-sewwieq maghruf maghhom b’ismu, gie ghalihom b’vann mhux tas-soltu. Solitament ikunu 30 student u jkunu trasportati f’coach izda meta ma tigix l-coach gieli giet din il-bus u minibus ohra izda din id-darba giet biss il-bus in kwistjoni. Dakinhar kienu 26 student uhud l-maggoranza bil-wieqfa u bdew izommu ma’ xulxin u ftit minnhom bdew ukoll jaqghu. L-istudenti xehdu illi minkejja li x-xufier ma kienx qed isuq b’xi velocita qawwija, huma bdew jidbandlu u jaqghu fuq xulxin u ghalhekk huma stess qalu li f’dawk ic-cirkostanzi kien messu saq b’anqas velocita. L-imputat Sciberras kien uza dan il-vann xi darb’ohra biex iwassalhom. F’dak il-hin kien qed juza l-“mobile phone” tieghu diversi drabi waqt li kien qed isuq inkluz meta sehh l-incident u f’dak il-mument l-istudenti sfaw imbottati lkoll lura u bil-forza infethet il-bieba ta’ wara. Ix-xufier ma ndunax b’dan u l-istudenti bdew jghajtu u jtaptulu fuq spallejh biex jieqaf.

“Jirriuzlta ukoll mill-asjem tal-provi, illi dan il-vann in kwistjoni huwa licenzjat bhala “special minibus” u registrat bhala “special purpose bus” **b’kapacita ta’ 4 passiggieri, 5 wheelchairs (bil-passiggiera fihom) u driver b’total ta’ 10 persuni. Dan minkejja li fuq gewwa kien indikat li kellha kapacita ta’ 15-il passiggier u xufier.** In effetti f’dan il-vann kien hemm 11-il student bil-qieghda u 15-il

student bil-wieqfa u b'hekk jirrizulta li dan il-vann kien qed igorr aktar mid-doppju passiggieri minn dak permess u ghalhekk huwa certament prevedibbli li jista' facilment jigri dak li fil-fatt gara.

"Rapprezentant tas-socjeta' Gasan Mamo Insurance Ltd, xehed illi l-vann kien assikurat maghhom ghal garr ta' 11-il persuna kompriz ix-xufier u garr ta' passiggieri 'l fuq minn dan in-numru certament jammonta ghall-ksur tal-polza.

"Ezaminati dawn il-fatti l-akkuzi kontra l-imputat Cedric Sciberras jirrizultaw pruvati fil-grad li trid il-ligi. Huwa minnu kif jemergi mill-gurisprudenza recenti hemm sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali illi meta vettura ma tkunx assigurata, ghal diversi ragunijiet fosthom polza mhux rinnovata, l-ligi tikkontempla xorta wahda illi incident b'dik il-vettura jitqies bhala wiehed asikurat. Bir-rispett dovut, l-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta ma jiddisponix dak ravvizat f'dawn is-sentenzi ghaliex l-istess kap jirraviza risarciment ta' danni civili li ghalihom iridu jaghmlu tajjeb l-assikurazzjonijiet kollha f'Malta bejnithom, provvediment dan li kien introdott sabiex jevita li f'kaz, per ezempju, ta' invesitment minn vettura anke jekk misruqa, ma jhallix lill-vittma minghajr ebda forma ta' kumpens. **Izda,** dan l-istess provvediment ma jaghmel l-ebda referenza ghall-aspett kriminali u ghalhekk din il-Qorti taghzel li timxi fuq l-insenjament tal-Qrati kif ezistenti qabel 'il fuq msemmija gurisprudenza recenti u tqis illi l-imputat Cedric Sciberras kien qed isuq vettur li dak il-hin kienet tenuta minghjar polza ta' assikurazzjoni stante li ma kienitx utilizzata ghall-mezzi u numru ta' passiggieri skond l-istess polza."

F'dana kollu l-imputat Emanuel Zarb jiffigura bhala l-persuna responsabbli li baghat dan il-minibus biex jigbor dawn is-26 student. Waqt li kienet qed issir l-inkjesta relattiva huwa xehed illi l-vjagg tas-2.30pm kellu jsir b'coach, kif sir is-soltu, izda dan kellu l-hsara u baghat zewg minibuses fosthom dak involut fl-incident. Jirrizulta ghalhekk illi huwa kien konxju tal-fatt illi dan il-minibus ma kienx addattat ghall-uzu ta' garr ta' 26 student u li ghalhekk meta qed jintuza barra mill-parametri tal-licenzja

tieghu, ikun qed jintuza bla licenzja u konsegwentement minghajr assikurazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-aritkoli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 u 3(1) Kap 104,

Dwar il-piena, l-Qorti tikkonsidra illi dan huwa incident ta' natura gravi hafna fejn l-imputat ddecieda li jiddettalja vettura biex titrasporta lill-istudenti meta din ma kienitx adegwata ghal diversi ragunijiet fosthom mill-aspett ta' numru ta' passigiera li setghet tghabbi kif ukoll li ma kientix licenzjata u assigurata ghall-iskop li intuzat. Ma jistghax ikun li dan il-fattur ma jkunx element importanti fid-decizjoni dwar il-piena ghaliex haga bhal din certament hija irresponsabbli u kriminali. Jidher li l-piena tal-multa f'cirkostanzi simili mhix qed tkun ta' detterent sabiex min ikollu f'idu il-kustodja ta' persuni jiddezisti milli jinfrangi regoli basici intizi biex iharsu s-sigurta' tal-passiggieri, regoli dawn li ma jehtieg l-ebda sforz biex ikunu mharsa skrupolozament.

Ghal dawn il-mottivi, tikkundanna lill-imputat ghall-terminu ta' prigunerija ta'sitt (6) xhur mil-lum u tiskawlifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jiskonta 'l fuq imsemmija piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------